**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012
----------------------------------------
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KA23.**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Marzu 2013, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fis-6.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairperson*.
Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Viċi-Chairperson.*
Is-Sinjura Joselle Camilleri - Membru.
Is-Sur Michele Fenech Adami - Membru.

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużat kien hemm is-Sur Vincent Borg – Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fil-11 ta' Marzu 2013.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Estimi Annwali 2013.
3. Mixjiet fl-aħrax tax-Xlendi.
4. Kisi tal-Passaġġ tax-Xtajta tax-Xlendi.
5. Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.
6. Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.
7. Laqgħa tal-Lokalita' 2013.
8. Attivitajiet Sajf 2013.
9. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
10. Mistoqsijiet mill-membri.
11. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KA22.

## 2.00 Estimi Annwali 2013.

2.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta abbozz tal-Estimi Annwali 2013. L-Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2013 għall-Kunsill tal-Munxar ser tkun €211,743 li minnhom hemm €90,504 li huma allokazzjoni għax-Xlendi. Ma' din l-allokazzjoni huwa kkalkulat li d-dħul minn permessi u *photocopies* ikun ta' €1,500 li minnhom hemm €600 mix-Xlendi. Emoljumenti personali għas-sena sħiħa ser ikunu €61,452 li minnhom hemm €27,057 għax-Xlendi. Qed isir estimu ta' €149,435 għal spejjeż ta' kuntratti u manutenzjoni fejn €62,867 ser jintefqu direttament fil-Bajja tax-Xlendi.

## 3.00 Mixjiet fl-aħrax tax-Xlendi.

3.01 Iċ-*Chairperson* irrimarka li ma tantx kien baqa' żmien sabiex dawn il-mixjiet isiru fil-Festi tal-Għid u għaldaqstant huwa ssuġġerixxa li dawn il-mixjiet isiru matul in-Notte Gozitana li din is-sena ser issir fl-10, 11 u 12 ta' Mejju 2013. Kien hemm qbil dwar dan.

## 4.00 Kisi tal-Passaġġ tax-Xtajta tax-Xlendi.

4.01 Il-permess mill-MEPA nħareġ u l-Perit qed jaħdem flimkien mal-Kuntrattur Joseph Mercieca sabiex jinbeda dan ix-xogħol. Ser isir xogħol b' kemm jiswa €20,000. Peress li fit-*Tender* mhemmx *item* għall-konkos fit-tarf, il-Kuntrattur intalab jagħti stima ta' dan ix-xogħol.

## 5.00 Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.

5.01 Ix-xogħol fil-Mitħna Sotterranja kien għaddej b' ritmu mgħaġġel. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-Kuntrattur u l-Perit Edward Said għamlu żjara fil-Mitħna Sotterranja tal-Imġarr Malta u ta' San Ġwann. Ix-xogħol ta' restawr għandu jitlesta sal-14 t' April 2013.

## 6.00 Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.

6.01 Is-Sindku informa lill-Kumitat li l-permessi sabiex jinbeda x-xogħol ta' kisi ta' toroq bit-tarmak waslu kollha. Il-kuntratt diġa' ġie ppreparat mill-Avukat Scerri iżda qabel ma jiġi ffirmat, il-Kunsill kiteb lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali jagħtuna l-*go-ahead* sabiex ix-xogħol jinbeda.

**7.00 Laqgħa tal-Lokalita' 2013.**

7.01 Il-laqgħa għal-lokalita' tax-Xlendi saret nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu 2013, fis-6.30 ta' filgħaxija fil-Lukanda St. Patrick's.
F' din il-laqgħa kien hemm 9 persuni preżenti flimkien mas-Sur Joseph Sultana – Sindku, is-Sur Godwin Azzopardi – *Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi, is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Mark Busuttil - Viċi-*Chairperson* u s-Sur Michele Fenech Adami – Membru.
Saru dawn l-ilmenti / suġġerimenti:

- Fi Triq il-Kantra kien hemm toqba f' nofs it-triq sabiex titranġa.
- Titneħħa l-*Billboard* li hemm fi Triq il-Kantra minħabba li qed tgħatti l-veduta. Din ser titneħħa hekk kif il-proġett ikun lest.
- Ilment dwar *speed* eċċessiv fi Triq il-Qsajjem u sar suġġeriment sabiex isiru sinjali mal-art.
- Suġġeriment sabiex issir lampa oħra fi Triq il-Kavallieri minħabba li dawk li hemm mhumiex adegwati. Lampa oħra ser issir meta t-triq tinkesa bit-tarmak u jsiru fuq *poles*.
- Ilment li Sid ta' proprjeta' privata mbarra l-entratura b' ħajt iżda peress li din hija proprjeta' privata, il-Kumitat m'għandux ġurisdizzjoni.
- Fi Triq il-Qsajjem irid jinżabar is-siġar ta' l-Olejandru.
- Kien hemm ilment dwar ix-xogħlijiet li qed isiru fi Triq Fontana peress li x-xogħol qed jieħu fit-tul aktar minn dak previst.
- Kien hemm kumpliment dwar is-servizz tal-Arriva minn Victoria għax-Xlendi u lura.
- Ilment dwar il-*bollard* ta' quddiem il-Knisja tal-Munxar, ilment dwar li n-nies qed joħorġu r-*rubbish* kmieni ħafna, dwar klieb fit-triq li ma jkunux marbutin biċ-ċinga u siġar imdendlin fi Triq il-Kavallieri.
- Ilment dwar ħaxix fuq il-bankina minn Trejqet il-Madonna tal-Karmnu sa Triq il-Qroll u bankina fi Triq il-Qroll sabiex titranġa. Fi Triq il-Qroll saru xi *test holes* u dawn ma ntradmux. Hemm bżonn *patching* f' din it-triq. Il-bankina ta' din it-triq titranġa peress li mhijiex livellata sew. Sar suġġeriment sabiex issir *platform* fl-Għar il-Kbir ta' barra l-baħar.
- Sar suġġeriment sabiex Wied il-Kantra jitnaddaf minħabba li fih materjal li huwa *eyesore*. Fi Triq it-Torri hemm parti bla bankina.
- Saret mistoqsija lill-Kumitat dwar Triq ir-Rumani u meta din ser tinkesa bit-tarmak. Ix-xogħol ser jibda hekk kif il-Kunsill jirċievi konferma mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**8.00 Attivitajiet Sajf 2013.**

8.01 Il-Kumitat kien applika permezz ta' Memo 38/2012 - Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2012/2013: Kalendarju ta' Attivitajiet – Ix-Xlendi. Il-Kumitat ser jingħata l-ammont ta' €1,500. Dawn l-attivitajiet ser jinkludu wiri ta' *films*, Fjakkolati u l-*Water Fun Park*.

**9.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li dik il-lampa li ser issir fi Triq il-Kappar ser tiġi tiswa €2,653 peress li jrid isir arblu u s-*supply* ser issir taħt l-art. Kien hemm qbil li dan isir.

9.02 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kumitat li xi xhur ilu l-Kumitat kien iddeċieda li jibda jagħti permess sabiex jiżdiedu l-imwejjed quddiem stabbilimenti tal-ikel. Issa peress li saret talba mingħand stabbiliment tal-ikel, il-Kumitat irid ifassal linji gwida qabel ma dawn il-permessi jibdew jingħataw. Iċ-*Chairperson* issuġġerixxa li peress li jista' jinqalgħu xi problemi, għalissa jkun aħjar jekk permessi bħal dawn ma jingħatawx.

**10.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

10.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-membri.

**11.00 Materji oħra.**

11.01 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat li fix-Xlendi hemm bżonn li jsir xi *patching*. Kien hemm qbil dwar dan.

11.02 Is-Sindku informa lill-Kumitat li kien irċieva diversi talbiet sabiex l-*internet* tax-Xlendi ikun aċċessibbli mix-Xlendi kollu. Ġie deċiż li ssir stima sabiex l-*area* kollha tax-Xlendi tkun aċċessibbli bl-*internet*.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija u ġie deċiż li dwar laqgħa oħra jiġi miftiehem aktar 'il quddiem.

**Godwin Azzopardi**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***